MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2007

Citazzjoni Numru. 51/2005

**Anthony Zammit u Emanuel Agius**

**Vs**

**Buxom Poultry Limited**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni prezentata fit-8 ta’ Gunju 2005, li permezz taghha l-atturi talbu li s-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta’ sbatax-il elf sitt mija u wiehed lira Maltija u wiehed u hamsin centezmu (Lm18,601.51) in kwantu ghal erbatax-il elf mitejn u hdax-il lira Maltija u sebgha u disghajn centezmu (Lm14211.97) lil Emanuel Agius u tlett elef tlett mija disgha u tmenin lira Maltija u erbgha u hamsin centezmu (Lm3389.54) lil

Anthony Zammit. Hlas li qieghed jintalab ghall-bejgh u konsenja ta’ tigieg.

Proceduri li nbdew bil-procedura sommarja specjali kontemplata fl-Artikolu 167 tal-Kap. 12. Permezz ta’ digriet moghti fil-21 ta’ Lulju 2005[1], il-Qorti awtorizzat lis-socjeta konvenuta sabiex tipprezenta nota ta’ l-eccezzjonijiet.

Permezz ta’ nota ta’ l-eccezzjonijiet prezentata fid-9 ta’ Awwissu 2005[2], is-socjeta konventua eccepiet illi l-azzjoni tal-atturi hija ntempestiva ghaliex kien hemm ftehim ta’ hlas milhuq, bil-miktub, bejn il-kontendenti li kien soggett ghal kudizzjonijiet rizoluttivi liema kundizzjonijiet fid-data tac-citazzjoni u sal-lum ghadhom ma avverawx ruhhom.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti kolha tal-kawza nkluz il-verbal tas-seduta tas-16 ta’ Mejju 2007 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidrat:-

1. Permezz ta’ dawn il-proceduri l-atturi qeghdin jitolbu hlas ta’ prezz ghall-bejgh u konsenja ta’ tigieg lis-socjeta konvenuta. Il-ftehim li kellhom l-atturi mas-socjeta konvenuta jidher li kien li din tal-ahhar tipprovdi l-flieles u l-gwiez, u l-atturi jrabbuhom. Imbaghad it-tigieg kienu jittiehdu lura ghand is-socjeta konvenuta.

2. Permezz ta’ nota prezentata fis-17 ta’ April 2007 (fol. 67-68), l-atturi rriducew it-talba taghhom in kwantu ghal:-
(a) **Emanuel Agius** – sitt elf tlett mija u tmenin lira Maltija u hamsa u hamsin centezmu (Lm6,380.55) oltre l-imghax b’sehh minn Frar 2007.

---

[1] Fol. 9.
[2] Fol. 10.

(b) **Anthony Zammit** – elfejn sitt mija u disgha u disghajn lira Maltija u sitta u sebghin centezmu (Lm2,699.76) oltre l-imghax b'effett minn Settembru 2005.

3. Jirrizulta li fil-mori ta' dawn il-proceduri saru pagamenti akkont mis-socjeta konvenuta, kif spjegat fin-nota prezentata mill-atturi fis-17 ta' April 2007 u fil-verbal tas-seduta tat-22 ta' Marzu 2007 (fol. 65).

4. Minn qari tan-nota ta' l-eccezzjonijiet prezentata mis-socjeta konvenuta, jidher li din qeghda targumenta li l-ftehim li gie ffirmat fit-30 ta' Gunju 2004 bejn il-kontendenti kien soggett ghal kondizzjoni li kienet ghadha ma sehhitx fid-data li giet prezentata l-kawza. Ftehim li gie ffirmat mar-rahhala li kienu jbieghu t-tigieg lis-socjeta konvenuta. Minn qari ta' dan il-ftehim[3] jirrizulta s-segwenti:-
(a) Il-ftehim kien jipprovdi ghall-mod kif kellhom jithallsu l-pendenzi li jirreferu ghall-perjodu qabel Gunju 2004 (klawzola numru 1).
(b) Il-ftehim jidher li kien wiehed preliminari u kellu jsir ftehim iehor fi zmien gimgha.
(c) Skond dan il-ftehim kellha tintlahaq kwota ta' hamest elef (5,000) tigiega kuljum mis-socjeta konvenuta u *"fin-nuqqas li l-kwota msemmija ma tintlahaqx, dan il-ftehim jigi null u invalidu……"*.
(d) Fir-rigward tal-ftehim l-iehor li kellu jsir jinghad li *"fil-kaz tal-bdiewa Ghawdxin, fil-ftehim il-gdid huwa mifhum li rrid ikun hemm certu provizjonijiet u jghoddu ghal-bdiewa Ghawdxin biss"* (klawzola 6D).

5. Mill-provi jirrizulta li ma sarx ftehim gdid u li l-kwota ma ntlehqitx (ara xhieda moghtija mill-avukat Dr. Joseph Arrigo fis-seduta tal-1 ta' Settembru 2005). Fil-fehma tal-Qorti l-ewwel ftehim m'ghadux jorbot; *"Kif qalet din il-Qorti fil-kawza "Simpson noe vs Saliba et", deciza fit-22 ta` Gunju, 2004, "huwa principju ta` dritt li meta ftehim jigi redatt bil-miktub, il-kontenut tal-istess ftehim ghandu*

[3] Fol. 24-25.

*johrog mill-istess kitba, inattez id-diskussjonijiet u kif dawn zvolgew". Fil-kawza "Aquilina noe vs Portelli", deciza wkoll minn din il-Qorti fl-4 ta` Ottubru, 2005, gie osservat li hi presunzjoni "qawwija, logika u guridika", li "meta l-partijiet jkunu ftehmu li jinkorporaw ftehim ta` bejniethom f`kitba, huma jkunu nizzlu bil-kitba fl-iskrittura relattiva dak kollu li jkunu ftehmu fuqu". (ara wkoll "Sar Hotels Ltd vs Degiorgio", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-4 ta` Mejju, 2005)"* (sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili[4] fit-18 ta' Mejju 2007 fil-kawza fl-ismijiet **L-avukat Dr. Anthony Rutter Giappone et vs Energy Limited**). Il-principju kardinali li jirregola l-kuntratti *"jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata. Pacta sunt servanda*". (Qorti ta' l-Appell - 5 ta' Ottubru, 1998 – **Gloria mart Jonathan Beacom et vs L-Arkitett u Nginier Civili Anthony Spiteri Staines**)

6. Il-Qorti ma tistax tifhem kif is-socjeta konvenuta kienet qeghda tippretendi li ma thallasx tat-tigieg. Bla dubju l-atturi bieghu t-tigieg lis-socjeta konvenuta, u ta' dan iridu jithallsu. Fil-fatt fil-mori ta' dawn il-proceduri saru diversi pagamenti kif irrizulta mill-affidavits tal-attruri u n-nota prezentata minnhom fis-17 ta' April 2007. Il-bejgh jirreferi ghall-perjodu qabel Gunju 2004, b'dan li fir-rigward tal-attur Emanuel Agius kien hemm bejgh ukoll f'Awwissu 2004 (ara rendikont a fol. 42 tal-process). Minn ebda parti tal-ftehim (fol. 23-24) ma jirrizulta li l-atturi kienu qeghdin jirrinunzjaw ghad-dritt taghhom li jithallsu ghall-bejgh li sar qabel Gunju 2004. Tant hu hekk li kif rajna fil-mori ta' dawn il-proceduri is-socjeta konvenuta ghamlet pagamenti akkont. Hekk per ezempju, l-attur Emanuel Agius ircieva hlas ta' sebat elf u tletin lira Maltija (Lm7,030) matul ix-xahar ta' Frar 2007.

7. Fir-rigward tal-ammonti li qeghdin jigu reklamati mill-atturi, is-socjeta konvenuta ma ressqet l-ebda

[4] Onor. Imhallef Tonio Mallia.

kontestazzjoni. Madankollu, fir-rigward tal-ammont dovut lil Emanuel Agius jirrizulta li dan naqas milli jnaqqas is-somma ta’ erbgha mija u sebgha u ghoxrin lira Maltija u disgha u tletin centezmu (Lm427.39) li huwa rcieva f’Marzu 2005 minghand George Cini (ara rendikont a fol. 42 fejn tissemma din ic-cifra kif ukoll affidavit ta’ George Cini (fol. 33-36) u dokument anness). Ghalhekk, suppost fin-nota prezentata fis-17 ta’ April 2007, il-bilanc beda mis-somma ta’ tlettax-il elf sebgha mija u tmienja u erbghin lira Maltija (Lm13,784) u mhux minn erbatax-il elf mitejn u hdax-il lira Maltija u sebgha u disghajn centezmu (Lm14,211.97). Tant hu hekk li fir-rendikont li pprezenta mal-affidavit (Dok EA2 fol. 42), l-attur Emanuel Agius iddikjara li l-ammont dovut huwa ta’ tlettax-il elf sebgha mija u erbgha u tmenin lira Maltija u tmienja u hamsin centezmu (Lm13,784.58). Dan apparti l-fatt li mill-istess nota jirrizulta li l-attur zied l-imghax mal-kapital, li jfisser li qieghed jintalab il-hlas ta’ imghax fuq imghax. Dan m’huwiex permess sakemm ma jikkonkorrux ic-cirkostanzi rikjesti mil-ligi, u li fil-kaz odjern ma gewx pruvati. Ghaldaqstant, il-hlas dovut huwa s-segwenti:-

**EMANUEL AGIUS**

| **Perjodu** | **Sorte** | **Imghax** | **Hlas** | **Bilanc** |
|---|---|---|---|---|
| (Xahar u Sena) | Lm | Lm | Lm | Lm |
| | | | | **13,784** |
| 8/04-5/05 | | 918.93 | | |
| Gunju 05 | | | 1427.39 | 13,275.54 |
| 6/05-3/06 | | 885.04 | | |
| April 06 | | | 921 | 13,239.58 |

4/06-6/06 264.79
Lulju 06 700
12,804.37

7/06-8/06 170.72
Settembru 06 500
12,475.09

9/06-01/07 415.83
Frar 2007. 7030
**5,860.92.**
Ghalhekk l-ammont li huwa dovut lill-attur Emanuel Agius huwa ta’ hamest elef tmien mija u sittin lira Maltija u tnejn u disghajn centezmu (Lm5,860.92).

**ANTHONY ZAMMIT**

**Perjodu Sorte Imghax Hlas**
**Bilanc**
(Xahar u Sena) Lm Lm Lm Lm

3389.54
8/04-5/05 225.96
Gunju 2005 500
3115.5

6/05-6/05 20.77
Lulju 05 250
2886.27

7/05-8/05 38.48
Settembru 05 225
**2699.75**

Ghalhekk l-ammont li huwa dovut lill-attur Anthony Zammit huwa ta’ elfejn sitt mija u disgha u disghajn lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm2,699.75).

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda taqta’ u tiddecidi l-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjoni sollevata mis-socjeta konvenuta, tikkundannaha thallas lill-attur:-

(1) **Emanuel Agius** is-somma ta' hamest elef tmien mija u sittin lira Maltija u tnejn u disghajn centezmu (Lm5,860.92) bl-imghax minn Frar 2007 sad-data tal-hlas effettiv.
(2) **Anthony Zammit** ta' elfejn sitt mija u disgha u disghajn lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm2,699.75) bl-imghax minn Settembru 2005 sad-data tal-hlas effettiv.

Spejjez a karigu tas-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------